Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**Id-Disa' LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 7**
**Tlieta 22 ta' Ottubru 2024**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi : Sindku
Margaret Baldacchino Cefai : Kunsillier
Christine Amaira : Vici Sindku
Maurice Agius : Kunsillier
Jean-Claude Borg : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Andrew Mallia : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Christopher Borg : Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Alan Vella : Segretarju Ezekuttiv (Agent)

**Minuti**

Is-Sindku Charles Selvaggi ippresieda l-laqgħa.

**07.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija;**

7.1.01 Il-kunsilliera kienu kollha preżenti

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

7.2.01 Il-minuti tas-Seduta L9-05 ittieħdu bħala moqrija u saret korrezzjoni fil minuti 5.4.02 , 5.4.04 ,5.5.04 , 5.5.07, 5.5.09, 5.5.10 u 5.5.11
Il-minuti ġew approvati unanimament.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

7.3.01 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu ma'Direttur għad- dipartiment għat-tindif u Segretarju Parlamentari Glen Bedingfield fuq proposta dwar ix-xogħol tal-knis ġol l-Imsida b'ħlas tal-allokazzjoni u x'haġa aktar fuqha.

7.3.02 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu ma' L-Imsida canoe club fejn ġiet diskussa il-problema li għandhom fejn ipoġġu il-canoes kif ukoll kollaborazzjoni li jista' jkun hemm il-quddiem

7.3.03 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu mal-Club tal Boċċi Msida' fejn ġie diskuss modi ta' kollaborazzjoni li jista' jkun hemm il-quddiem dwar kif se jinqdew sakemm ikun konkluż il-Proġett Msida Creek b' l-użu tal-pitch li għandu il-Club tal-Boċċi Pieta.

7.3.04 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa li kellu mal-Għaqda Banda Melita San Guzepp dwar l-attività 4 season mir-Regjun Lvant li se ssir f' 2 ta'Novembru fejn se jingħataw €100 sabiex ssir open day li fiha se jkun hemm is-surmast tal-banda biex jiltaqa' ma'nies.

7.3.05 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa mas-servizzi tal-komunità.

7.3.06 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti laqgħa ma l-amministrazzjoni tal-Junior College fejn ġie diskuss tkomplija mal-Kollaborazzjoni preċedenti u anke għajnuna jew sponsor għad dawl tal-Milied f-zona

7.3.07 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti laqgħa ma l-amministrazzjoni tas-St Martin College fejn ġie diskuss tkomplija mal-Kollaborazzjoni preċedenti u l-immaniġġjar ta'Traffiku go-zona f'rigward problema fid-dħul min Triq San Andrija u parkeġġ bil-ħin propost għalija

7.3.08 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar l-ewwel laqgħa tas-sotto kumitat ta'Swatar fejn ġie diskuss il-mod kif se jaħdem u ideat li jistgħu jiġu kunsidrati biex jiġu mplimentata fil-Lokal.

7.3.09 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa ma Project Green dwar il-Proġett ta Pjazza Victor Denaro u materja oħra

7.3.10 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar żviluppi sabiex jinġab b'mod temporanju l-bank intelliġenti , fejn dan jista' jkun nstallat u il-perjodu. Spjega ukoll x'opzjonijiet hemm minħabba spejjez ta'trasport relatata.

7.3.11 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa ma uffiċjal ta'Transport Malta sezzjoni Traffic management fejn ġie diskuss b'mod ġenerali issues ta'maniġġjar ta'traffiku , applikazzjonijiet pendenti kif ukoll proposti oħra.

7.3.12 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa mal-pulizija f'rigward ta'karozzi abbandunati kif ukoll assistenza sabiex ssir il-ġbid u l-proċedura li jista' japplika l-kunsill skond ir-regolamenti ta'Trasport Malta

7.3.13 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar talba sabiex ssir laqgħa mil-għaqda ta'sajjied L-Imsida

7.3.14 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar laqgħa mal-Era li attenda għalija ma'Segretarju Eżekuttiv fejn spjega li l-awtorità qed jsostnu ma'talbiet preċedenti f'rigward ta'numru (6) ta' Bring in Sites li jrid ikun hemm ġol Imsida mifruxa go zoni differenti. Hawn spjega li fil-mument hemm 3 siti Go Victor Denaro li il-kunsill irrid iżarma, go Triq l-Irmiġġ u go Triq tas-Swatar l-Imsida li hemm pjanat li tkun trasferita għal go triq Melita li tista' tkun b'żewġt setts u tgħodd daqs tnejn. Ma' dawn hemm ukoll waħda li indika is-Segretarju Eżekuttiv go Triq li tagħti għal l-Sptar Mater Dei li għal Era tgħodd. Għalhekk il-kunsill irrid jiddeċiedi fejn se jalloka dik ta'Victor Denaro u jsib post għal sit iehor.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u saru x' suġġerimenti għal siti oħra go Triq Mons Innoċenz Zammit u ħdejn il-Ġibjun li ma ġewx aċċettati minħabba l-parkeġġ u l-esperjenzi tal-passat għalhekk ma kienx hemm qbil ħlief li l-operatur tal-BIS jintalab biex iżarma b'mod immedjat is-sit go Victor Denaro.

7.3.15 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti dwar logħob tal-football għal attività Movember organizzata mir-Regjun Lvant li se jsir go Kordin.

**07.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

7.4.01 B'referenza għal minuti 5.3.03 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai għarfet lill kunsilliera preżenti li ġiet nominata u maħtura biex tagħmel parti mis-segretarjat tal-BTIN

7.4.02 B'referenza għal minuti 5.3.09 dwar numerazzjoni go Triq il-Kunċizzjoni u Triq Misraħ il-Barrieri laqgħa is-sinjura Margaret Baldacchino Cefai staqsiet kif se jsir għat tismija tal-partijiet fejn se jinqasmu.

Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew u qablu li l-ewwel jaraw kif se jinqasmu imbagħad jaraw dwar l-ismijiet.

7.4.03 B'referenza għal-minuti 5.4.02 dwar ix-xogħol li qed ssir mill-Infrastructure Malta go Toroq , Bordin , Garcin u l-Għajn tal-Ħasselin Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti li Transport Malta waqfet ir-road work permits sa l-aħħar ta'Ottubru

7.4.04 B'referenza għal-minuti 5.4.03 dwar ix-xogħol li jrid ssir fil-parti magħluqa go Triq Achille Ferris Is-Sindku Charles għarraf lill kunsilliera preżenti li is-sidien kitbu bl-avukat lill Infrastructure Malta dwar ir- revoka tal-permessi min Trasport Malta

7.4.05 B'referenza għal-minuti 5.4.06 dwar uffiċċjali tal pulizija stazzjonat ġol-bini amministrattiv tal-kunsill sakemm iddum l-għassa magħluqa , Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti li kien hemm tibdil fil-ħin

7.4.06 B'referenza għal minuti 5.4.07 Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti li sid l-art go Triq Santa Venera k/m ma' Triq il-Wied naddaf il-biċċa tiegħu.

7.4.07 B'referenza għal minuti 5.4.08 dwar iż-Żebgħa għal-pedestrian crossings go Rue'D'Argen Is-Sur Alfred Farrugia staqsa sabiex il-kunsill jitlob assistenza mingħand is CEO tal-IM

7.4.08 B'referenza għal minuti 5.4.09 Is-Sur Alfred Farrugia staqsa jekk saritx it-talba i biex ssir Bus Stop go Triq Box Box
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li qed li il-kunsill bagħat il-proposta bit-talba inkluż il-pjanta tas-sit lill TM (Linja)

7.4.09 B'referenza għal minuti 5.4.10 dwar it-tiżjin ta' dawl tal-Milied Is-Sur Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti li l-kunsill qed iżżur lill-komunità tan-negozju sabiex jinġabru fondi id-donazzjonijiet apposta għal dan l-skop fl-stess ħin ir- Regjun Lvant jidher li għandu x' surplus ta'fondi għalhekk hemm possibilità ta ftit għajnuna sakemm id-dipartiment japprova

7.4.10 B'referenza goal minuti 5.4.12 dwar l-stair lift is-Sur Maurice Agius staqsa jekk kienx hemm komunikazzjoni mal-Aġenzija Sapport sabiex il-kunsill jara jekk hemmx x'fondi apposta għal dan l-skop
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadu le imma se jagħmel kuntatt ma uffiċjal tal aġenzija biex jivverifika dwar skemi relatati.

7.4.11 B'referenza għal minuti 5.5.02 dwar rilokazzjoni tal-librerija Is-Sinjura Christine Amaira staqsiet jekk tixhidx il qies tal kamra tal-IT
Is-Sur Maurice Agius wieġeb li mar jara il-kamra u minħabba l-aperturi u l-ixkaffar li hemm mhux se joqgħod.

7.4.12 B'referenza għal minuti 5.5.03 dwar id-devoluzzjoni ta'xelter li jinsab fl-akkwata ta' Boxbox fl-Imsida, Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti li Segretarju Eżekuttiv kiteb lill perit tal-kunsill sabiex jivverifika ma Dipartiment tal-artijiet u jekk dan jinsab f'art pubblika u jista' jiġi devolut ssir l-applikazzjoni biex jingħata bidu għal proċess.

7.4.13 B'referenza għal minuti 5.5.06 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem dwar il-lista ta biċċiet ta xogħol li għandu l-kunsill u fakkar dwar il-problema li għandu il-kunsill b' ħaddiem wieħed biss u limitazzjonijiet li hemm anke għax dan ma jsuqx. Għalhekk jista' jkun hemm ċertu dewmien sakemm jinsab x'ħadd u din il-problema tkun solvuta

7.4.14 B'referenza għal minuti 5.5.07 dwar problemi ta'drenaġġ go l-Għajn tal-Ħasselin Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti li qed ssir diversi kuntatti sabiex jassistu biex tinstab soluzzjoni.
Is-sur Alfred Farrugia tkellem dwar komunikazzjoni mal-PWD , Is-sezzjoni ta' Drenaġġ , Dipartiment tas-santità fejn qed jirsisti li ssir x'haġa u ġibed l-attenzjoni dwar l-pompi tal-Ilma li mhux qed jaħdmu
il-kunsilliera preżenti ddiskutew il-problema u jista' jkun li kawża li qed iwassal għal ilma tal-għajn biex jiġi hekk

7.4.15 B'referenza għal minuti 5.5.12 Is-Sur Christopher Borg staqsa jekk x' haga dwar highlighter fuq ix-xoffa fis cycle trak tal-promenade.
Is-Sindku Charles Selvaggi wieġeb li l-proposta ssemmiet waqt laqgħa ma uffiċjal ta'Transport Malta (7.3.11) li se jmmexxija

7.4.16 B'referenza għal minuti 5.5.16 dwar il-ħruġ min Triq Dun Andre għal Triq il-Wied tal-Imsida Is-Sur Alfred Farrugia reġa' tkellem dwar il-periklu staqsa sabiex jiġu nnstallati l Bollards mill aktar fis
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew is-suġġett u dwar x'jista' jsir

7.4.17 B'referenza għal minuti 5.5.19 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill kunsilliera preżenti li saret ir rikonċiljazzjoni tal-fatturi tal Bulk refuse fejn ġiet verifikata kull kollezzjoni sa April 2024 u saru l-aġġustamenti fejn kien hemm xi żbalji li ġew maqbula u aċċettati mill kuntrattur li rrikonoxxa li żamm iż-żejjed għalhekk irridu issiru l-emendi tal-fatturi msemmija. Fadal x' ssir ir-rikonċiljazzjoni tal-kollezzjoni li saret min Mejju 2024 sal-ġurnata li l-Kunsill kien issospenda i-ħlas tiegħu sakemm dawn ukoll ikunu konfermati bħala maqbula mil-kuntrattur b'hekk ssir l-aġġustament tal-kont relatat.

7.4.18 B'referenza għal minuti 5.6.02 dwar l-għoti tal-kuntratt għax xufier tal-e-shuttle inġibdet l-attenzjoni dwar wieħed mix-xufiera ta' riserva fejn ġie rapportat min persuna li wżat is-servizz li ma waqqafx fejn suppost.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew is-servizz kurrenti li sa l-aħħar ta' Ottubru kien marbut b'ftehim li ssir skond l-applikazzjoni sabiex jiġu kunsidrati opzjonijiet dwar kif jista' jintuża ukoll biex iwassal lir-residenti anzjani għal ċertu bżonnijiet ġol-Lokal.

Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġerixxa sabiex l-opzjonijiet l-ewwel jiġu diskussi f'dettal min soto kumitat maħtur apposta u wara jiġi preżentat rapport b'rakkomandazzjonijiet waqt is-seduta għal kunsiderazzjoni tal-kunsill lokali.
Is-Sinjuri Nicholas J Chircop u Maurice Agius ġew maħtura membri ta'sotto kumitat flimkien ma persuna oħra li għada mhux magħżula.

**7.5 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

7.5.01 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar talba sabiex ssir xelter għat tfal tal-iskola fejn il BIS go Triq tas-Swatar.

7.5.02 Is-Sindku Charles Selvaggi tkellem dwar ir-Road humps għal go triq is-Swatar ħdejn il-kulleġġ li huma ġa approvati min TM imma li qed ikun hemm xkiel min resident biex jeħlu għalhekk se jkun hemm bżonn jinġabu uffiċjali tal-infurzar min TM sakemm dawn jeħlu

7.5.03 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar il-ħsieb li l-festa ta San Guzepp għat tfal ssir fit-18 ta'Marzu sabiex ssir l-arranġament meħtieġ

7.5.04 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar jum L-Imsida u ssuġġerixxa li jibda jingħata 3D print bħala token ħalli jekk il-kunsill jaqbel jinġabru l-stimi. F'l-stess hinn fakkar li kien hemm proposta biex tinstab data alternattiva għal dan il-jum ħalli ma tkunx daqshekk viċin tal-festa.
Il-kunsill iddiskuta s-suġġett mingħajr ma ttieħdet deċiżjoni

7.5.06 Is-Sur Jean Claude Borg tkellem dwar proġett storiku għar-riproduzzjoni tal L-Imsida l-bieraħ u llum

7.5.07 Is-Sur Andrew Mallia tkellem dwar lista ta'l-menti li għada lis-Segretarju Eżekuttiv biex jivverifika fuqhom

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u spjega li meta jkun hemm l-menti jew talbiet l-aħjar haġa li ssir hi li dawn jgħaddu mal-ewwel lill inkarigati fl-uffiċju ħalli jieħdu ħsieb. Is-Sindku Charles Selvaggi spjega li jista' jkun li x wħud min dawn ikunu ġa mgħoddija min persuni oħra u il-kunsill jkun ġa qed jieħu ħsieb

7.5.08 Is-Sur Nicholas J Chircop tkellem dwar Arblu ta dawl go Triq L-Isqof F.S. Caruana li huwa perikoluż
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa Nota

7.5.09 Is-Sur Nicholas J Chircop tkellem dwar imbarazz li qed jintrema go Garaxx miftuħa tal-Bini tal Gvern f'Triq l-Għajn tal-Ħasselin.
Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ġa saru bosta kuntatti mal-amministratur tal-blokka dwar il-problema li mhux se t'issolvi qabel il-fond jingħalaq

7.5.10 Is-Sur Christopher Borg tkellem dwar applikazzjoni għal-Proġett Ewropew marbut ma' L-Ewwel Għajnuna għal- Ħajja ta' Kuljum Aktar Sigura li jifforma parti mil-programm Action: Mobility of young people Koordinata min Society in Progress fejn jekk dan jigi approvat il-Kunsill Lokali se jkun qed jipparteċipa b'sħab

7.5.11 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar l-Enemalta u bosta problemi li hemm bżonn jigu solvuti

7.5.12 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar l-żbir tas-siġar u llmenta dwar il-LESA li minkejja issir no parking signs kif suppost ma ġewx biex jagħmlu towing.

7.5.13 Is-Sur Alfred Farrugia tkellem dwar bżonn li jinbidlu x'pjanti f'diversi planters fosthom quddiem il-kunsill

7.5.14 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-flodlights li hemm mal – bini tal-kunsill għax ma jżommux is-seting u hemm bżonn jinbidlu għax ma jistax ikun dawn irridu jiġu rranġati ta'kull jum.

7.5.16 B'referenza għal-minuti 3.5.06 is-Sur Maurice Agius tkellem dwar id-dog bins li kellhom issiru go Xatt ta'Xbiex

7.5.17 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar is-sockets ta dawl ġol gallerija u għarraf lill kunsilliera preżenti li dawn huma bla earth u talab biex jiġi mfittex min għamilhom

7.5.18 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar unloading bay go Triq Mons D'Andrija u talab sabiex il-ħin ikun mibdul li jibda mill 10:00 am u mit-Tnejn sal-Ġimgħa skond il-ħin tal ftuħ għax qed jingħataw il-multi avolja jkun magħluq.

7.5.19 Is-Sur Maurice Agius għarraf lill kunsilliera preżenti dwar ħarġa għal- anzjani fis-7 ta'Novembru li tagħha dettalji dwarha kif ukoll talab sabiex jiġi kunsidrat li jkun kopert it-trasport li jiswa €141
Il-kunsilliera preżenti approvaw unanimament

7.5.20 Is-Sur Maurice Agius għarraf lill kunsilliera preżenti dwar il-festin tal-Milied go Day center li se jsir fl-20 ta'Diċembru u rigali fejn kellu ħsieb jipproponi lill -kunsill biex jixtri pjanta iżda wara li tkellem ma x'ħadd dan offra li lest jtihom bħala donazzjoni.

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai spjegat li l-kunsill Lokali qatt ma ħareġ għal rigali u dejjem ħadu ħsieb ta'Day Center stess u f' xi okkażjonijiet ħadet ħsieb tixtri x'haġa personali.

7.5.21 Is-Sur Maurice Agius għarraf lill kunsilliera preżenti li tkellem darbtejn mas-Segretarju Parlamentari Malcolm Paul Agius dwar is-Silver T u l-vjaġġi lejn l-Sptar San Luqa fejn informah li ma' kellix tkun problema

7.5.22 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar il-Bankina ta Triq J Catanja fejn ġibed l-attenzjoni li din qed iwassalha għal attenzjoni 16 il darba u ma jistax ikun kull darba ngħidu li l-kunsill kellmu , wiegħed li se jsewwi u xorta ma jagħmel xejn.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li lill dawn kellimhom kemm il-darba fejn prova jagħfas biex jirranġaw l-ħsara ta Triq Johnny Catanja kif ukoll ta go Triq Clarence u Kuncizzjoni u tarag. Spjega ukoll li min Lulju ma tantx setta jkompli jirsisti minħabba li ma għadux full time hemm u għalhekk matul il-ġurnata ma jkollux ċans. Hemm ukoll Il-problema li dawn għadhom ma ġewx biex tinħeles il-garanzija għax żgur li ma jiffirmax.

Is-Sindku Charles Selvaggi għarraf lill kunsilliera preżenti li se jitkellem dwar is-suġġett meta jitlaqha fil qrib ma rappreżentant tal-iżviluppatur. Saret diskussjoni fuq is-suġġett fejn ġiet ssuġġerita li tintbagħat ittra bl-avukat u tkellmu ukoll dwar il-problema tal-garanzija u sabiex min mill kuntratturi jabbuża ma'jinħarġux permessi sakemm jirregolaw l-affarijiet tagħhom

7.5.23 Is-Sinjura Christine Amaira tkellmet dwar l-stqarrijiet tal-kunsill u l-importanza li dawn li jitilgħu fuq il-medja soċjali mal-ewwel kif tintbagħat email u tkun proċedura mhux joqgħodu jistennew mis-Segretarju Eżekuttiv .

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li qabel ma kienx ikun hemm ħafna stqarrijiet u ma hemmx x'proċedura partikulari għax kien jieħu ħsieb hu stess. Iżda fil-mument huwa personali ma jkunx qed ikun f'pożizzjoni li jara l-email tal-kunsill qabel l-4;00 pm għalhekk ma kienx jaf qabel ma ħa messaġġ li mal-ewwel ħa ħsieb. Spjega ukoll li wisq probabbli din mhux tkun fit-tul għaddejja hekk però sa dak iż-żmien jekk ikun hemm x'haġa kull ma jrid ssir huwa li jiġi infurmat b'messaġġ u b'xi mod jew ieħor jieħu ħsieb.

Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai ġibdet l-attenzjoni li meta qabel kienet tkun se toħroġ stqarrija l-ewwel kienet tiġi ċirkolata mal-membri kollha tal-kunsill għall-Kummenti qabel ma tinħareġ.

7.5.24 Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai tkellmet dwar International Organization for migrants fejn spjegat li se ssir applikazzjoni taħt il-programm (Citizenship, Equality, Rights and Values Programme - CERV) u stedina lill kunsill lokali l-Imsida sabiex jipparteċipa f' kollaborazzjoni permess ta'laqgħat bejn lokalitajiet differenti madwar l-Ewropa. Spjegat ukoll li ftit ta'snin ilu kien ipparteċipa f'programm simili Europe of Diversity - Integration and Socialization of Migrants".

**07.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Indikatur finanzjarju ta'Tielet trimestru**

7.6.01 Minħabba raġunijiet bla kontroll l-accountant ma setgħetx tiġi u l-Kunsiderazzjoni tal-Indikatur finanzjarju ta'Tielet trimestru ( Jannar-Settembru ) 2024 gie pospost għal seduta oħra

**07.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

07.8.01 Is-segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K9-07 ta' ħlasijiet bejn is-18 ta'Settembru u 22 ta' Ottubru 2024.
Il-kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw l- iskeda unanimament li ġiet proposta mis-sur Alfred Farrugia u sekondat sur Nicholas J Chircop

**07.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

07.8.01 Il-laqgħa ntemmet fis- 08:45 ta' filgħaxija, u s-seduta li jmiss se tkun nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru fil-5:30 ta' filgħaxija

Minuti preparati mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti Alan Vella u preżentati mis-Segretarju Eżekuttiv kurrenti ġew konfermati, illum 26 ta' Novembru 2024

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Charles Selvaggi | Josette Micallef |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |